**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 31 ta' Ottubru 2023**

**Talba numru 136/2023 SFJ**

**AWTORITA' TAD-DJAR**

**vs.**

**JOE MAXWELL (K.I. 41354 A)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-12 ta' April 2023, li permezz tiegħu l-Awtorita' tad-Djar ippremettiet u talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

- *"Illi l-konvenut kien jirrisjedi fil-fond Binja L, Ent. B, Flat 2, Triq il-Qasam Industrijali, Zabbar;*
- *Illi dan il-fond jagħmel parti minn blokka li hija amministrata mill-Awtorita' esponenti;*
- *Illi fis-27 ta' Diċembru tas-sena 2020, ġara li l-konvenut ikkawża ħsara volontarja fil-partijiet komuni tal-Blokka Binja L, Ent. B, Triq il-Qasam Industrijali, Zabbar (ritratti hawn annessi u mmarkati bħala **Dok A**);*
- *Illi anka saħansitra inbdew proċeduri kriminali kontra l-istess konvenut;*
- *Illi l-Awtorita' tad-djar kienet ħejjiet rapport mill-Perit Ivan Pace fejn hu kkonferma stima għax-xogħolijiet li għandho iwettqu sabiex isiru t-tiswijiet (rapport hawn anness u markat bħala **DOK B**);*

- *Illi tali xogħolijiet huma stmati li jammontaw għall-ammont ta' elf u sebgħin ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (Eur 1,070.26), jew somma verjuri kif jista' jiddeċiedi dan it-Tribunal;*
- *Għaldaqstant, l-esponent qed titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex previa kull dikjarazzjoni li tkun neċessarja, jordna lill-konvenut iħallas id-dejn dovut u cioe' dak ta' ta' elf u sebgħin ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (Eur 1, 070.26), jew somma verjuri kif deċiż minn dan it-Tribunal;*
- *Il-konvenut inġunt għas-subizzjoni;*
- *Bl-ispejjes u bl-interessi.*

**It-Tribunal ra illi l-konvenut ġie debitament notifika skont il-Liġi, iżda ma ppreżentat l-ebda risposta fiż-żmien preskritt mil-Liġi.**

**Ra illi t-talba ġiet diferita sabiex jittieħed ġurament u tiġi ppreżenta x-xhieda neċessarja jew seduta stante permezz ta' Affidavit sabiex tiġi kkonfermata din it-talba. U għalhekk, it-Talba kienet ġiet diferita għall-provi tal-Awtorita' tad-Djar għall-24 ta' Ottubru 2023.**

<u>**Provi mressqa w Konsiderazzjonijiet**</u>

- Illi fil-fatt, fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2023, kien deher Dr. Zammit għall-Awtorita' tad-Djar li ppreżenta nota bl-Affidavit ta' Andrew Xuereb, għan-nom tal-Awtorita' tad-Djar, fejn hu indika illi s-sur Xuereb huwa rappreżentant tal-Awtorita' tad-Djar u li jaħdem fis-sezzjoni legali, kif ukoll ippreżenta l-Kapitolu;
- Illi din it-Talba ġiet diferita għas-sentenza għall-31 ta' Ottubru 2023.
- Illi, permezz tan-nota tal-Awtorita' tad-Djar, li ġiet preżentata seduta stante, Andrew Xuereb kien ikkonferma illi l-konvenut Joe Maxwell għandu jħallas l-ammont ta' ta' elf u sebgħin ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (Eur 1,070.26), u dan stante li kien ikkawża ħsarat fil-parti komuni tal-Blokka Binja L, Ent. B, Triq il-Qasam Industrijali, Zabbar;
- Illi b'referenza għal dan l-Affidavit kif ukoll id-dokumenti li kienu nstabu fil-proċess, it-Tribunal m'għandu l-ebda raġuni għalfejn jiddubita l-veraċita ta' din ix-xhieda li ngħatat.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara <u>***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et***</u> deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara <u>***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi***</u> deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Riċentament ukoll sentenza mgħotija mill-Onorevolli mħallef Christain Falzon Scerri nhar it-18 ta' Novembru, 2022 (rikors 1090/2021) (ara ***Salvatore Battiato u Emanuela Graziella Vanella vs. Alessandro Mercieca*** ) fejn l-Imħallef iddikjara "Il-grad ta' prova li l-atturi kellhom jilħqu, huwa dak li biżżejjed inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta mill-preponderanza tal-provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet".

Wara li ra d-dokumenti relattivi, speċjalment l-Affidavit tar-rappreżentant tal-Awtorita' tad-Djar, it-Tribunal ma jsibx diffikulta' li jikkonkludi li l-Awtorita' tad-Djar timmerita li tieħu l-ammont riklamat skont l-Avviż tat-talba.

**Deċide**

Għaldaqstant, għalhekk it-Tribunal jaqta' w jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tal-Awtorita' tad-Djar u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-Awtorita' tad-Djar is-somma ta' elf u sebgħin ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (Eur 1,070.26), bl-imgħaxx, li għandu jiddekorri mill-preżentata ta' dan l-Avviż b'rata mhux ogħla minr-rata massima permessa skont il-Liġi, sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll l-ispejjes tal-preżenti proċedura ta' din il-Kawża.

---

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**